MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru. 1163/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Matthew Frendo, iben Joseph, imwieled Pieta' fl-20 ta' Settembru, 1975, Karta ta' l-Identita numru 57776(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmullin mill-imputat, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' Awwissu, 2007 u qabel din id-data, u cioe' –
1. fit-2 ta' Awwissu, 2007 f'xi ħin bej is-7.50 a.m. u l-4.30 p.m. fi Triq il-Papa Piju V, Valletta kkometta serq ta' stereo minn karozza Peugeot 106, bin-numru tar-reġistrazzjoni DEC 475, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, u bix-xorta tal-ħaġa

misruqa li sar għad-dannu ta’ Nadya Attard Cassar u/jew ta’ persuni oħra;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ karozza Peugeot 106, bin-numru tar-reġistrazzjoni DEC 475, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 iżda iżjed minn €116.47, skont l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema ħsara saret għad-dannu ta’ Nadya Attard Cassar u/jew ta’ persuni oħra;
3. fit-18 ta’ Marzu, 2007, f’xi ħin bejn il-11.00 a.m. u il-11.45 a.m., fi Vjal de la Cruz, Qormi kkometta serq ta’ ‘stereo’ u xi oġġetti oħra, minn karozza Hyundai Getz, bin-numru tar-reġistrazzjoni GIS 888, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu tal-koppja Jeffrey James u Giselle konjuġi Camilleri, u/jew ta’ persuni oħra;
4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ndikati fit-tielet akkuża, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ karozza Hyundai Getz, bin-numru atr-reġistrazzjoni GIS 888, liema ħsara ma tiskorriex €116.47 imma iżjed minn €23.29, skont l-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, liema ħsara saret għad-dannu tal-koppja Jeffrey James u Giselle konjuġi Camilleri u/jew ta’ persuni oħra;
5. fit-8 ta’ Mejju, 2005, f’xi ħin bejn nofs il-lejl u it-8.00 a.m. fi Triq il-Kbira, Żebbuġ ikkometta serq ta’ stereo u diversi oġġetti oħra liema minn karozza Volkswagen Golf, bin-numru tar-reġistrazzjoni FUN 101, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta’ Dr. David Attard M.D. u/jew ta’ persuni oħra;
6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ndikati fil-ħames akkuża, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ karozza Volkswagen Golf, bin-numru tar-reġistrazzjoni FUN 101, liema ħsara ma tiskorriex €116.47 imma iżjed minn €23.29 skont l-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, liema ħsara saret għad-dannu tas-soċjeta’ Playmobil (Malta) Ltd. u/jew ta’ persuni oħra;
7. talli kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta’ Malta li kien ġie mpost fuq l-imputat

permezz ta’ sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta’ Ġunju, 2006 liema sentenza saret definittiva;
8. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali permezz ta’ diversi sentenżi li saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar, 2010 fejn Dr. David Attard M.D. irrinunzja għal kumpens tal-oġġetti li jiswew madwar €900. Jeffrey James Camilleri nforma l-Qorti li l-ħsara li ġarrab hi ta’ €425 u Nadya Attard Cassar nforma l-Qorti li l-ħsara li ġarrbet hi ta’ €300.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261, 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(ċ), 289 u 325(1)(b)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 20 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat, dwar il-piena. Illi l-imputat ikkolabora mal-pulizija, l-ammissjoni tiegħu u il-fatt li hu qed jaħdem ma jkunx ta’ benefiċċju li jiskonta piena karċerarja. Għalhekk ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €425 danni lil Jeffrey james Camilleri u €300 danni lil Nadya Attard Cassar fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------